# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-1 ta' Novembru, 2017.**

**Rikors Numru 159/2014**

**Steel Projects Limited**
**(C – 27768)**

**vs.**

**Jonathan Vella u Maronia Vella**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat iz-19 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti, tramite d-direttur taghha hemm indikat, sintetikament espona s-segwenti: (ara foll 1):

1.1. Illi hadmet tarag u poggaman tal-hadid fuq l-inkarigu u a beneficcju tal-intimati;

1.2. Illi t-tarag *de quo* gia` gie konsenjat u stallat fil-proprjeta` tal-intimati;

1.3. Illi l-prezz tal-istess jammonta komplessivament ghal sebgha u ghoxrin elf, sitt mija u sebgha u ghoxrin euro u sittax- il centezmu, (€27,627.16), rapprezentanti:

1.3.1. €19,800.00 prezz tat-tarag;

1.3.2. €3,612.00 prezz tal-poggaman; u

1.3.3. €4,215.16 prezz ghat-taxxa tal-VAT;

1.4. Illi mis-somma komplessiva indikata fil-paragrafu precedenti l-intimati hallsu s-somma ta' €14,900.00;

1.5. Illi ghalhekk l-intimati ghandhom ihallsu s-somma bilancjali ta' €12,727.16, rapprezentanti xoghol ezegwit mis-socjeta` rikorrenti fuq inkarigu tal-intimati;

1.6. Illi *nonostante* li l-intimati kienu debitament interpellati biex ihallsu l-imsemmi bilanc lis-socjeta` rikorrenti dawn baqghu inadempjenti;

1.7. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti ezegwit xogholijiet konsistenti f'tarag u poggaman fuq l-inkarigu u a beneficcju tal-intimati;

1.7.2. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ghandu jhallas is-somma bilancjali ta' €12,727.16, lis-socjeta` rikorrenti, liema ammont hu relattiv ghat-tarag u ghall-poggaman *de quo*;

1.7.3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex ihallsu l-ammont bilancjali ta' €12,727.16 lis-socjeta` rikorrenti;

1.7.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat l-24 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 4);

3.0. Rat ir-risposta tal-intimati datata l-24 ta' Marzu, 2014, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 14):

3.1. Illi x-xoghol ezegwit fit-tarag mis-socjeta` rikorrenti mhux skont l-ispecifikazzjonijiet rikjesti jew skont is-sengha u l-arti;

3.2. Illi ghalkemm l-intimati gibdu l-attenzjoni tas-socjeta` rikorrenti dwar dan, l-istess socjeta` m'ghamlet xejn biex tirrimedja s-sitwazzjoni;

3.3. Illi s-socjeta` rikorrenti ma haditx interess biex tassigura li l-prodott finali jkun a sodisfazzjon tal-intimati;

3.4. Illi l-ftehim pattwit bejn il-partijiet rigwardanti l-prezz *de quo* kien li dan ma kellux jeccedi l-€20,000.00 inkluz il-VAT;

3.5. Illi *stante* x-xoghol hazin li sar fuq it-tarag, qatt ma kkonfermaw l-ordni rigwardanti l-poggaman;

3.6. Illi rigward il-poggaman *de quo*:

3.6.1. La kien konkluz ftehim;

3.6.2. Lanqas thallas depozitu; u

3.6.3. Lanqas ittiehed kejl ghall-istess poggaman mis-socjeta` rikorrenti;

3.7. Illi ghalhekk qed jirrifjutaw il-konsenja tal-poggaman *de quo*;

3.8. Illi konsegwentement, m'ghandhomx ihallsu ghall-poggaman *de quo*;

3.9. Illi ghalhekk, it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3.10. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta’ Frar, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 131), u kif sussegwentement estiz, (ara foll 134 u 135);

5. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata l-20 t’April, 2017, (ara foll 136), flimkien ma’ dik tardiva izda bil-visto tal-kontro-parti, datata, l-1 ta’ Gunju, 2017, (ara foll 152);

6. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat is-6 ta’ Gunju, 2017, li permezz tieghu iddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti ta’ sottomissjonijiet minnhom ipprezentati, (ara foll 160);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

7.1. Illi l-kaz in dizamina jikkonsisti f’appalt moghti mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti biex jigi kostruwit:

7.1.1. Tarag tal-hadid; u

7.1.2. Poggaman ghall-istess tarag;

7.2. Illi fir-rigward tat-tarag in dizamina jirrizulta s-segwenti;

7.2.1. Illi l-intimati kellhom disinn specifiku ta’ Olivia Ann Calleja, (ara foll 21), li fuqu kellu jigi konstruwit l-istess tarag, (ara wkoll foll 118);

7.2.2. Illi dan gie eventwalment debitament kostruwit mis-socjeta` rikorrenti u minnha ikkonsenjat lill-

intimati u gie stallat fir-residenza taghhom fit-22 ta' Marzu, 2013, (ara foll 23);

8.0. Illi skont is-socjeta` rikorrenti il-prezz komplessiv tax-xogholijiet minnha ezegwiti fuq inkarigu tal-intimati jammonta komplessivament ghal €27,627.16 u hu iffurmat bil-mod segwenti:

8.1. €19,800.00 ghat-tarag, (ara foll 1);

8.2. €3,612.00 relattivament ghall-poggaman, (ara foll 1);

8.3. €4,215.16 relattivament ghat-taxxa tal-*V.A.T.*, (ara foll 1);

9. Illi fir-rigward tal-pagamenti involuti jirrizulta li l-intimati gia`effettwaw pagament t'€14,900.00, (ara foll 2);

10. Illi ghalhekk effettivament is-somma in kontestazzjoni f'din il-procedura tammonta ghal €12,727.16, (ara foll 2);

11.0. Illi fir-rigward tat-tarag in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

11.1. Illi biex l-istess jigi stallat f'postu s-socjeta` rikorrenti kellha tikri trakk appozitu bil-*high up* peress li kien pjuttost kbir, (ara foll 23);

11.2. Illi wara li l-istess tarag kien stallat f'postu minghajr l-ebda difett, jirrizulta li l-istess intimati kienu kuntenti hafna bih, u acettawh, (ara foll 23);

11.3. Illi wara li l-istess tarag tqieghed f'postu il-partijiet ftehmu li kellhom jikkomunikaw flimkien biex isiru l-ahhar irtokki fih, (ara foll 23);

11.4. Illi sussegwentement ukoll, kellu jigi ikkonsenjat u imqieghed il-poggaman, (ara foll 23);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi fir-rigward tal-imsemmi poggaman jinghad sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi dan il-poggaman ma kienx ikonsenjat mis-socjeta` rikorrenti lill-intimati ghaliex il-partijiet kienu ftehmu li biex issir il-konsenja *de quo* l-intimati kellhom icemplu lis-socjeta` rikorrenti ghal dan il-ghan, (ara foll 24);

12.2. Illi l-intimati jsosstnu min-naha l-ohra li ma kienu ddiskutew xejn fuq il-poggaman, (ara foll 118);

12.3. Illi meta l-intimat Vella mar jara t-tarag in dizamina waqt il-kostruzzjoni tieghu ghand is-socjeta` rikorrenti jirrizulta li jsosstni li ma kienx sodisfatt mix-xoghol li kien qieghed isir, (ara foll 119);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-intimati ghalhekk isosstnu sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi x-xogholijiet fit-tarag ma kienux skont l-ispecifikazzjonijiet taghhom, (ara foll 14);

13.2. Illi ghalhekk l-istess tarag ma kienx skont is-sengha u l-arti, (ara foll 14);

13.3. Illi l-istess socjeta` rikorrenti ma accertatx ruhha li x-xoghol finali involut ikun a sodisfazzjon tal-intimati, (ara foll 14);

13.4. Illi l-ftehim konkluz bejn il-partijiet kien konkluz fis-sens li l-prezz finali ma kellux jeccedi l-€20,000.00, inkluz – u mhux eskluz – it-taxxa tal-V.A.T., (ara foll 14);

13.5. Illi in vista tal-problematika fuq riferita, l-intimati ma ikkonfermawx l-ordni rigwardanti l-poggaman u effettivament, qatt m'accettaw il-konsenja tal-istess, (ara foll 14);

13.6. Illi l-intimati inkarigaw kuntrattur iehor biex jirranga l-allegati zbalji riskontrati fit-tarag *de quo*, (ara foll 45), u *di piu`*, inkarigaw perit *ex parte* biex jipprezenta relazzjoni teknika fuq id-difetti riskontrati fl-istess tarag, (ara foll 70 u 72);

Ikkunsidrat:

14.0. Illi fir-rigward tal-poggaman *de quo* is-socjeta` rikorrenti ssosstni sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi l-poggaman gie miftihem flimkien mat-tarag, (ara foll 25);

14.2. Illi ma jistax ikun li l-intimati ma ikkonfermawx il-poggaman, (ara foll 25);

14.3. Illi kieku l-intimati kellhom xi oggezzjoni fuq il-poggaman, allura ma kienux jaghmlu pagament in akkont fuq it-tarag, (ara foll 25);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi skont ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jirrizulta s-segwenti:

15.1. Illi ma kien hemm l-ebda konferma daparti tal-intimati rigwardanti l-poggaman *de quo*, (ara foll 96);

15.2. Illi jirrizulta li kien l-istess rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li "assuma" li ghaliex l-intimati kienu raw il-poggaman imwahhal fuq it-tarag *de quo* allura:

> "... jien hadtha li riedu l-istess poggaman ikun (in)stallat mat-tarag", (ara foll 96);

15.3. Illi *di piu`*, l-istess rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jikkonferma bil-gurament tieghu li mill-intimati hu ha depozitu fuq it-tarag biss, u mhux fuq il-poggaman, (ara foll 96);

15.4. Illi in vista tal-premess is-socjeta` rikorrenti ma tistax titlob pagament mill-intimati rigwardanti l-poggaman *de quo*, *stante* li dan ma kienx ordnat minnhom;

15.5. Illi konsegwenza tal-istess, mis-somma bilancjali ta' €12,727.16 mitluba mis-socjeta` rikorrenti, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.), u ghaxra, (10.) aktar qabel flimkien ma foll 2), ghandha titnaqqas is-somma ta' €3,612.00 rapprezentanti l-poggaman *de quo*, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta punt tnejn, (1.3.2.), u tmienja punt tnejn, (8.2.), aktar qabel, flimkien ma foll 1);

Ikkunsidrat:

16. Illi in vista tal-premess ir-raba' (4) risposta tal-intimati ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

17. Illi *stante* li l-vertenza in dizamina hi naxxenti minn negozju t'appalt issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri***) fl-ismijiet ***Emanuel Schembri vs. Maria Cutajar***, datata t-***2 t'ottubru, 2009***, li tissottolinea is-segwenti:

> "Kif jinzel minn gurisprudenza konkordanti l-appaltatur ghandu mhux biss jezegwixxi x-xogholijiet kollha lilu appaltati, izda, ukoll, li jassikura li dawk l-istess xogholijiet ikunu servjenti, f'dik li hi bonta` u adattabilita`, ghall-uzu li ghalihom l-appaltant ikun ippjazza l-ordni";

18. Illi l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti fl-analisi taghha jekk xoghol isirx skont is-sengha u l-arti, tenfasizza is-segwenti:

> "Ikollu jigi osservat illi anke f'din l-ottika hi gurisprudenza ben pacifika dik li tirritjeni illi "jekk ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' appalt ma jkunx kollu lest,

jew ma jkunx kollu esegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xoghol, ghax meta x-xoghol li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest l-appaltatur ma jistax jitlob il-hlas, la kollu u lanqas parti minnu" ("**Antonio Pisani -vs- Carmelo Debattista**", ***Prim'Awla, Qorti Civili, 8 ta' Mejju, 1958***. Ara wkoll "**John Portelli -vs- Thomas Ritchie**", ***Prim'Awla, Qorti Civili, 21 ta' Marzu, 1960***). Dan japplika wkoll fejn l-appalt ma jkunx gie ezegwit sewwa. Ara "**Alfred Calleja –vs- Victor Cavallo**", ***Prim'Awla, Qorti Civili, 14 ta' Frar, 1963***;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi f'dan ir-rigward fl-ewwel risposta taghhom l-intimati jirrispondu skont huma:

19.1. Ix-xoghol esegwit mis-socjeta` rikorrenti fuq it-tarag *de quo* ma kienx skont l-ispecifikazzjonijiet rikjesti, u

19.2. Konsegwentement, l-istess xoghol ma kienx skont is-sengha u l-arti;

20. Illi *ai termini* tal-principji procedurali vigenti ghandu jkun pacifiku li l-oneru tal-prova ta' tali allegazzjonijiet jinkombu necessarjament fuq l-intimati li qed jallegawhom;

21. Illi in sostenn ta' tali allegazzjonijiet l-intimati inkarigaw perit tekniku *ex parte* li ipprezenta r-relazzjoni tieghu datata l-10 ta' Jannar, 2015, (ara foll 72), u ddepona fir-rigward fit-23 ta' Frar, 2017, (ara foll 132);

Ikkunsidrat:

22. Illi jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti ma kienitx informata bl-allegati difetti qabel ma dawn kienu unilateralment irrangati minn kuntrattur espressament inkarigat ghal dan l-iskop mill-intimati, (ara foll 24);

23. Illi konsegwentement l-istess socjeta` rikorrenti m'inghatatx l-opportunita` li taghmel il-verifiki taghha fir-rigward biex tara effettivament jekk l-ilmenti tal-intimati kienux minnhom u jekk fil-pozittiv, kienux ta' natura sostanzjali jew le;

24. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-intimati hadu l-ligi f'idejhom u unilateralment iddecidew liema kien ir-rimedju kongenjali u jekk ihallsux l-ammont bilancjali rimanenti;

25. Illi socjeta` civili tirrikjedi metodologija differenti fejn ilment jigi verifikat b'mod indipendenti u *super partes* minn qorti appozita li tkun tista' tirrikorri anke ghal esperti idonei fejn mehtieg;

26. Illi in effetti jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti lanqas biss kienet taf li l-intimati kienu qed jilmentaw minn difetti fit-tarag, (ara foll 25), u *molto piu`*, lanqas biss kienet taf li kien tqabbad ukoll perit *ex parte* kif fuq indikata u saret taf b'dan biss wara li infethu l-proceduri odjerni, (ara foll 97);

27. Illi *di piu`*, ix-xogholijiet li allegatament saru minn kuntrattur espressament inkarigat mill-intimati, (ara foll 119), qatt ma ittella jixhed f'dawn il-proceduri biex issir id-debita verifika gudizzjarja fir-rigward;

28. Illi konsegwentement ghandu jirrizulta pacifiku li dak allegat mill-intimati fir-rigward tad-difetti minnhom riskontrati fuq it-tarag *de quo* ma gewx debitament ippruvati skont il-ligi;

29. Illi konsegwentement, tali allegazzjonijiet wahidhom ma jistghux jinnegaw lis-socjeta` rikorrenti d-dritt taghha li tithallas is-somma bilancjali lilha dovuta mill-intimati fuq it-tarag *de quo*;

Ikkunsidrat:

30. Illi *di piu`*, jirrizulta li d-disinn tat-tarag in dizamina kien gie koncepit u konkretizzat fi pjanti appoziti minn disinjattrici espressament inkarigata mil-intimati stess, (ara paragrafu numru sebgha punt tnejn, (7.2.), aktar qabel u foll 118);

31. Illi jirrizulta wkoll assodat li r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti kien anke mar personalment fl-ufficcju tal-imsemmija

disinjattrici biex flimkien jiddiskutu d-disinn partikolari li xtaqu l-intimati, (ara foll 21 u 27);

32. Illi finalment jirrizulta li wara dawn id-diskussjonijiet rapprezentant iehor tas-socjeta` rikorrenti flimkien mal-istess rapprezentant tal-istess indikat fil-paragrafu precedenti, kienu baghtu d-disinn finali lill-intimati, (ara foll 21 u 37 u foll 22 u 40 rispettivament);

Ikkunsidrat:

33. Illi *di piu`*, jirrizulta assodat u mhux kontradett minn rizultanzi ohra, li s-socjeta` rikorrenti kienet tistieden lill-intimati biex imorru ghandha biex kif kienet qed tizviluppa l-istruttura tat-tarag, (ara foll 22), u li effettivament l-intimati kienu marru ta' mill-anqas erba' (4) darbiet fil-laboratorju tas-socjeta` intimata biex jaghmlu dan, (ara foll 22, 48, 49 u 54);

34.0. Illi meta l-intimati kienu jmorru jaraw il-progress li kien qed isir fil-kostruzzjoni tat-tarag *de quo*, jirrizulta li r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti kien:

34.1. Jaghmel zewg (2) *flood lights* kbar fuq it-tarag biex ikunu jistghu jaraw sew l-ispray li kien imqieghed, (ara foll 22);

34.2. Itihom lapes biex jimmarkaw fejn jahsbu li kien hemm bzonn ta' xi rtokk bil-ghan li l-lavranti involuti jergghu jduruh, (ara foll 22);

biex b'hekk l-intimati jkunu sodisfatti li x-xoghol in dizamina jkun a sodisfazzjon taghhom u skont l-ispecifikazzjonijiet minnhom moghtija lis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 22);

35. Illi fil-fatt l-istess intimati kkonfermaw li kollox kien ghas-sodisfazzjon taghhom, (ara foll 22 u 23) u l-partijiet ftehmu meta kellha ssir il-konsenja, (ara foll 23);

36. Illi konsegwentement din il-qorti hi sodisfatta li sa dan l-istadju krucjali tal-procedura meta l-intimati kienu anke marru diversi drabi ghand is-socjeta` rikorrenti biex jezaminaw l-andament u l-progress fix-xoghol *de quo*, l-intimati ma qajmu l-ebda ilment fuq il-kwalita` tax-xoghol riskontrat;

Ikkunsidrat:

37. Illi jigi ghalhekk f'dan l-istadju kkonstatat li l-lanjanza sollevata mill-intimati fl-ewwel risposta taghhom, (ara foll 14), tirrigwarda l-integrita` tas-servizz offrut lilhom mis-socjeta` rikorrenti u konsegwentement l-oneru tal-prova fir-rigward jinkombi fuqhom;

38. Illi fil-fehma ta' din il-qorti din il-prova ma tirrizultax debitament ipprovata u dan, *nonostante*, ir-relazzjoni *ex parte* pprezentata mill-intimati *stante* li s-socjeta` rikorrenti qatt ma nghatat l-opportunita` taghmel il-verifiki taghha fir-rigward u *stante* li x-xogholijiet allegatament rimedjali daparti tal-intimati lahqu saru ferm qabel mas-socjeta` rikorrenti saret taf bihom, (ara foll 24 u 45);

Ikkunsidrat:

39. Illi in vista tal-premess l-ewwel risposta tal-intimati ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

40.0. Illi fir-rigward tat-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-intimati jinghad sintetikament is-segwenti:

40.1. Illi din tirrigwarda l-allegazzjoni tal-intimati li ghalkemm huma gibdu l-attenzjoni tas-socjeta` rikorrenti, naturalment ghal xi difetti li huma setghu raw, din is-socjeta` m'ghamlet xejn biex tirrimedja s-sitwazzjoni u lanqas kienet tiehu interess biex tassigura li l-prodott finali jkun a sodisfazzjon tal-istess intimati;

40.2. Illi *nonostante* din l-allegazzjoni jigi osservat, kif fuq ukoll indikat, li ma jirrizultax li din is-socjeta` injorat lill-intimati u naqset milli tindirizza xi ilment sollevat minnkom;

40.3. Illi jirrizulta minflok li l-istess intimati:

40.3.1. Marru diversi drabi fil-laboratorju tas-socjeta` rikorrenti, (paragrafu numru tlieta u tletin, (33.), aktar qabel);

40.3.2. Tpoggew f'posizzjoni li jkunu jistghu jaraw il-poggaman sew, (ara paragrafu numru erbgha u tletin, (34.), aktar qabel);

40.3.3. Indikaw x'irtokki li kellhom isiru, (ara paragrafu numru erbgha u tletin (34.), aktar qabel);

40.3.4. Illi x-xoghol *de quo* jirrizulta li kien sodisfacenti ghall-intimati, (ara paragrafu numru hamsa u tletin, (35.), aktar qabel);

40.3.5. Illi finalment qabblu fuq id-data tal-konsenja tal-istess tarag, (ara paragrafu numru hamsa u tletin, (35.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

41. Illi ghalhekk, l-allegazzjoni tal-intimati li s-socjeta` rikorrenti naqset li tissodisfa l-ilmenti sollevati minnhom ma tirrizultax ipprovata u jirrizulta minflok li effettivament tali ilmenti kienu indirizzati tempestivament mill-istess socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

42. Illi konsegwentement, din it-tieni (2) risposta tal-intimati ghandha wkoll tigi respinta;

Ikkunsidrat:

43.0. Illi fir-rigward tat-tielet (3) risposta tal-intimati jinghad sintetikament is-segwenti:

43.1. Illi f'din ir-risposta l-intimati jsosstnu li fi kwalunkwe kaz, il-ftehim pattwit bejn il-kontendenti in konnessjoni mat-tarag *de quo* kien li l-prezz tal-istess ma kellux jeccedi l-€20,000.00, inkluz it-taxxa tal-*V.A.T.*, (ara foll 14);

43.2. Illi tali allegazzjoni ma tirrizultax assodata mir-rizultanzi *in atti*;

43.3. Illi fil-fatt, f'*e-mail* datata t-2 t'Awwissu, 2012, jirrizulta li fil-korrispondenza *de quo* bejn il-kontendenti, l-prezz hemm indikat kien jinkludi ukoll it-taxxa tal-*V.A.T.*, (ara foll 40);

43.4. Illi ghalhekk jirrizulta li kuntrarju ghal dak allegat mill-intimati, dawn kienu konsapevoli li t-taxxa *de quo* kellha wkoll tigi mhallsa minnhom, (ara foll 40);

44. Illi konsegwentement, anke din it-tielet (3) risposta tal-intimati ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

45.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li fl-essenzjalita` taghha, s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha fir-rigward tat-tarag *de quo*, izda mhux fir-rigward tal-poggaman in kwistjoni, u konsegwentement:

**DECIDE:**

45.1. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fir-rigward tat-tarag in dizamina;

45.2. Tirrespingi t-talba tal-istess socjeta` rikorrenti fir-rigward tal-poggaman in dizamina;

45.3. Tirrespingi r-risposti tal-intimati salv ghar-risposta taghhom rigwardanti l-imsemmi poggaman;

45.4. Tiddikjara ghalhekk li s-socjeta` rikorrenti ezegwiet it-tarag in dizamina fuq inkarigu u a beneficcju tal-intimati;

45.5. Tiddikjara li l-intimati ghandhom ghalhekk ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma bilancjali rigwardanti t-tarag

*de quo* ammontanti ghal disghat elef, mija u hmistax- il euro u sittax- il centezmu, (€9,115.16);

45.6. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu l-ammont bilancjali indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

45.7. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skont il-ligi miz-19 ta' Frar, 2014, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimati.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**